# KIF TISTA` TIPPREPARA GĦAL *INTERVIEW*

## Agħmel Riċerka

- ✓ Żur is-sit jew il-paġna tal-kumpanija fuq il-midja soċjali.
    - Sir għaf: Hija kumpanija kbira? X'tip ta` servizzi toffri u fiex tispeċjalizza? Xi tip ta' klijenti għandha?
- ✓ Agħmel *like* u *follow* fuq il-medja soċjali tal-kumpanija - biex turi li inti ħadt l-inizjattiva biex issir taf aktar fuq il-kumpanija u dak kollu li toffri.

Din l-informazzjoni kollha ser issibha utli matul l-*interview*. Aktar ma jkollok tagħrif fuq il-kumpanija, aktar ser tkun kunfidenti waqt l-*interview*.



# Ilbes Addattat

- ✓ Ilbes xieraq għal karriera li tixtieq. L-ewwel ma tiekol l-għajn jgħidu, u waqt *interview* inti ser tkun qed tagħti l-ewwel impressjoni tiegħek lil min ser jimpjegak.

| Nisa | Irġiel |
|---|---|
| Ilbies addattat | |
| Xagħar magħmul pulit | |
| Make-up sempliċi u dwiefer b'kulur naturali | Leħja baxxa u pulita |



## Kun Puntwali

- ✓ Kun fil-ħin: 10 sa 15-il minuta qabel ikun ideali biex tkun tista` tiffoka u tirranġa ftit qabel tidħol għall-*interview*.

- ✓ Informa lil tar-*reception* li konxju li wasalt ftit minuti qabel u lest li tistenna.

- ✓ Tidħolx jekk tkun aktar minn 15-il minuta qabel, stenna ftit barra qabel tidħol ġewwa. Jista` jkun li min ikun ser jagħmillek l-*interview* ma jkunx disponibbli dak il-ħin, u ma tkunx tixtieq li tgħaġġlu jew tidher li qed itellfu.

- ✓ Jekk sfortunatament jinqala' xi haġa u tkun ser tittardja xi ftit; ċempel, staqsi għal min kellu jagħmillek l-*interview*, skuża ruħek li ser tkun tard u agħti spjegazzjoni għala ser tkun tard. Kun ċert li l-ispjegazzjoni hija ġustifikabbli, inkella ser tagħti impressjoni ħażina tiegħek innifsek qabel ma jkun intervistak.

## Ħu miegħek

- ✓ Ħu miegħek kopji ta' *CV* u taċ-ċertifikati tiegħek. Jista` jkun li jkollok aktar minn persuna waħda qed tintervistak, b'hekk ikun tajjeb li jkollok kopja għal kull persuna.

- ✓ Ħu miegħek *notebook* żgħir u pinna biex tieħu xi noti importanti; din turi kemm qed tinteressa ruħek u kemm inti interessat f'din il-pożizzjoni.